# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 16**

**Rikors numru 34/04 LSO**

**Marina Milling & Grain Handling Co. Limited (C – 343) u b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2018, isem is-soċjetà ġie mibdul għal MMGH Ltd.**

**v.**

**Euro Imports Limited (C – 26684)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, filwaqt li astjeniet milli tqis l-ewwel talba attriċi (li kienet titlob il-ħatra minnufih ta' amministratur

provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 228 tal-Att dwar il-Kumpanniji[1]), laqgħet it-talbiet attriċi l-oħrajn u sabet li l-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ma kinitx f'qagħda aktar li tħallas id-djun tagħha għall-finijiet tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-istess Att u ordnat ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tal-appellanti b'seħħ minn dakinhar li nfetħet il-kawża, filwaqt li ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju tal-kumpannija stralċjata taħt is-setgħat u d-dmirijiet imfissra fl-istess sentenza appellata, u ikkundannat ukoll lill-appellanti biex tħallas l-ispejjeż tal-proċedura;

2. L-ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha billi ikkunsidrat b'dan il-mod:

> "*Din hija azzjoni migjuba ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) in kwantu li s-socjeta' attrici issostni li s-socjeta' intimata mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha.*
>
> *"Kif jirrizulta mir-rikors promotur, is-socjeta` attrici tivvanta kreditu kontra s-socjeta` konvenuta konsistenti f'arretrati ta' kera ta' mahzen u hlas tas-sehem dovut mill-istess konvenuta minn kontijiet tad-dawl u ilma ggenerat mill-uzu ta' dawn is-servizzi.*
>
> *"Is-socjeta' konvenuta irrespingiet dawn l-addebiti. Madanakollu rrizulta ammess li l-kera pretiza ghandha tithallas. L-oppozizzjoni tas-socjeta' konvenuta, difatti, tistrieh fuq zewg binarji, senjatament li hi ghandha kontro-talba kontra r-rikorrenti ghad-danni li hi tghid li ssubiet bl-istallazzjoni unilaterali ta' electronic gate, u li s-sehem tal-kontijiet hu eccessiv.*
>
> *"Fir-rigward tax-xatba s-socjeta` konvenuta sostniet li inbiddlu l-hinijet ta' access u b'hekk naqqsu drastikament il-business hours tal-istess eccipjenti.*

[1] Att XXV tal-1995 (Kap 386)

*"Jirrizulta ammess mis-socjeta' konvenuta li waqqfet topera, b'dan, izda li tghid li baqghet thallas dawk il-kredituri li hi accettat it-talbiet taghhom.*

*"**Provi Prodotti***

*"**Joseph Spiteri**[2] spjega li s-socjeta' attrici kienet kriet mahzen lis-socjeta' intimata skont skrittura **DOK MM1** (fol. 4 sa 7) datata l-1 ta' Novembru 2000 minn fejn jirrizultaw il-kondizzjonijiet tal-kirja, fosthom il-hlas tal-kera dovuta kull tliet xhur bil-quddiem. Il-pagament ghall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2002 ma sarx fil-hin u s-socjeta' intimata baqghet moruza fil-hlas minkejja li weghdet li ser thallas. Il-mahzen mikri jaghmel parti minn kumpless ta' bini tal-kumpanija rikorrenti izda ghandu meter tad-dawl ghalih. Ikkonferma li l-ammont bilancjali dovut huwa ta' Lm5,905.90 kwantu ghal Lm3,634 bhala arretrati ta' kera, u Lm2,270.94 dovut ghas-sehem mill-kontijiet tad-dawl u ilma.*

*"Qal ukoll li l-kumpanija attrici kienet inkarigat espert biex jivverifika l-mod kif kien qed jinhadem il-meter fil-mahzen tal-konvenuta. Kien anke ivverifika personalment flimkien ma' Joe Cassar Aveta li l-meter kien qed jahdem. L-ammonti pretizi gew accettati minn Cassar Aveta.*

*"Il-kont tad-dawl u ilma kien ikun wiehed globali mibghut mill-Korporazzjoni s-socjeta` attrici li sussegwentement kienet tirratizza s-sehem dovut minn kull inkwilin.*

*"Qal li l-gate kien inbidel b'arrangament mal-okkupanti kollha. Kienu saru ilmenti nkluz mill-kumpanija intimata li l-mod kif sar il-gate kienet tikkawzalhom pregudizzju ghall-access hieles. Il-kumpanija intimata kienet ukoll baghtet ittra ta' protesta dwar dan. Spjega li x-xatba elettronika tahdem billi tinfetah b'swipe card li nghatat lill-okkupanti kollha. Sussegwentement bi qbil mal-okkupanti kollha kellu jigi stallat hall porter li jhalli lil kull okkupant jiftah mill-istabbiliment tieghu. Dan baqa' ma sarx. Il-kumpanija konvenuta, fuq talba taghha stess, imbaghad inghatat izjed swipe cards.*

*"**Joseph Cassar Aveta**, li kien managing director tas-socjeta' intimata xehed[3] li x-xoghol ewlieni tal-kumpanija tieghu kien li timporta ikel u xorb ghas-suq lokali. Spjega li ghalkemm iffirma l-ftehim ta' kera tal-1 ta' Novembru 2000, il-mahzen mikri ma kienx ghadu disponibbli u minflok inghata l-uzu ta' mahzen iehor. Ghal dan qal li ftehmu fuq kirja mnaqqsa u anke li l-ispejjez tal-garr li sar minn dan ghall-mahzen mikri kellu jigi ssopportat mis-sid. Il-mahzen l-antik inghatalu qabel l-1 ta' Novembru 2000. Qal li baqa' ma giex rimborsat ghall-garr.*

*"Meta x-xatba nbidlet u bdiet tintuza sistema ta' swipe cards l-ahhar impjegat tas-socjeta' attrici li kien jitlaq ghal xi l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, kien jaghlaq il-gate warajh bir-rizultat li l-klijenti tal-kumpanija konvenuta ma setghux ikollhom access jekk ma kellhomx*

[2] Xhieda a fol. 37 *et.seq.* tal-process.
[3] Xhieda a fol. 52 *et.seq.*tal-process.

*swipe cards. Dan kollu sehh minghajr qbil. Meta ilmenta inghata xi erba' swipe cards zejda.*

*“Is-suggeriment li jistalla intercom ma kienx prattiku ghaliex kien hemm distanza ta' 400 metru mill-gate sal-mahzen tieghu. Inoltre dan kien jinvolvi spejjez kbar ghalih. Minhabba dawn id-diffikultajiet sofrew tnaqqis fil-bejgh potenzjali ta’ bejn 25% sa 35%.*

*“Rigward il-kontijiet tad-dawl ma kellux access ghall-meter peress li dan kien jinzamm imsakkar mis-socjeta` rikorrenti. Fl-ewwel sena l-kont gieh xi Lm168, izda fit-tieni sena kien hemm qabza sostanzjali u qabez elfejn lira, liema ammont ma kienx spjegabbli tenut kont it-taghmir li kellu. Hu ilmenta ma' rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kien qallu li l-ewwel sena kien sar zball fil-kont li kienu baghtulu. Ghamel accertament tal-meter ma’ rapprezentanti tal-kumpanija attrici u ghalkemm f'okkazzjoni minnhom, meta tefa' it-taghmir, il-meter waqaf idur, f'okkazzjoni ohra baqa' jahdem. Qal li meta mar f'mahzen iehor, il-kont kien jigih circa Lm230.*

*“Il-meter tieghu kien sub meter izda baqa’ jinsisti li jara l-kont tal-Enemalta ghall-kumpless kollu. "Is-sitwazzjoni tal-kumpanija rapprezentata minni hija li ahna ghadna nikkontestaw il-pretensjonijiet ghal hlas tas-servizzi tad-dawl sakemm domna nuzaw il-mahzen tal-kumpanija rikorrenti u ghar-rigward tal-pretensjoni tal-hlas tal-kera, jiena nghid li il-kumpanija garbet telf minhabba li kien stallat gate elettroniku."*

*“In **kontro ezami** qal li dak li jirrizulta mill-ittra tal-11 ta' Novembru 2001 (**DOK JCB)** dwar electronic gate fis-sens li dan kien ghadu ma giex stallat kien minnu u dan inbena fuq dak li kien gie miftiehem fil-laqgha tas-17 ta' Mejju 2001 fejn kien imsemmi illi x-xatba kellha titwahhal. Izda kemm fil-laqgha kif ukoll fl-ittra ma kienx antecipat li x-xatba kienet ser tibda tinghalaq mill-impjegati tas-socjeta' attrici meta dawn johorgu u lanqas kien imsemmi t-telf li kienu ser ibatu peress li ma kellhomx cwievet ghax-xatba.*

*“Xehdet **Roberta Cassar Aveta**,[4] azzjonista u direttrici tas-socjeta` konvenuta, u qalet li ddecidew li jitterminaw il-kirja minhabba il-gate elettroniku li holoq problemi ta' access ghall-mahzen.*

***“KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT***

*“Din hija kawza fejn qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpanija Euro Imports Limited (C26684) skont l-**Art.214 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-kumpanija rikorrenti hija kreditrici tal-kumpanija intimata. Fir-rikors promotorju, il-kumpanija rikorrenti bbazat il-pretensjoni taghha fuq l**-Art.214(2)(a)(ii)** tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta`*

[4] Xhieda a fol. 63 *et.seq.* tal-process.

*Malta. Din il-Qorti trid ghalhekk tizen u tiddeciedi dwar il-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti abbazi tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.*

*"Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Art.214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti tista` ixxolji kumpanija u tordna l-istralc taghha. Skont is-sub-inciz (ii) tal-paragrafu (a) il-Qorti ghandha tikkonsidra jekk il-kumpanija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha.*

*"Fil-kuntest ta` l-Art.214(2)(a)(ii), il-ligi tidderiegi lill-gudikant lejn **l-Art.214(5) tal-Kap.386** li jistabbilixxi meta kumpanija ghandha titqies illi ma tistax thallas id-djun taghha. Is-subartikolu (5) ghandu zewg paragrafi. Abbazi tal-provi illi ressqet il-kumpanija rikorrenti huwa evidenti illi s-subparagrafu (b) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza. Dan jaqra hekk –*

> *"(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpanija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha -*
>
> *"(b) jekk ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpanija."*

*"Dwar il-paragrafu (b) tas-subinciz (5), din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GV) fis-sentenza taghha tat-28 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited"** qalet hekk – "Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets 'are less than its liabilities'. Izda "it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period" (Re : "**European Life Assurance Society**" **-**1869 LR 9 Eq 122)."Ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpanija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu."*

*"**Kreditur mhux Kanonizzat***

*"Skont l-Art 218 (1) tal-Kap 386, ma hemmx ghalfejn ikun kreditur sostnut minn titolu ezekuttiv biex ikun jista' jiehu proceduri ghall-istralc tad-debitur tieghu. Sufficjenti ghal procediment ta` din ix-xorta huwa li jkun persuna li jaghti l-prova ta` kreditu. Mill-assjem tal-provi akkwiziti, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata u kwindi tista' tressaq it-talbiet odjerni. (Ara **"George Mangion noe v Gaming Islands Holding Limited"** - dec. 17 ta' Gunju 2013 PA)[5].*

*"Ikkunsidrat li meta tfassal il-mudell ghal-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpaniji, il-qafas maghzul kien dak tal-Companies Act Ingliza 1985. Fil-ligi Ingliza, ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpaniji kien trattat f'legislazzjoni ad hoc u cioe` l-Insolvency Act 1986. Meta fl-1995 saret*

[5] Din il-kawza tittratta dwar l-art 214(2)(b) izda r-riflessjoni tal-Qorti dwar min hu kreditur *ai fini* tal-artikolu 218 japplika ghal kawza in ezami.

*il-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpaniji (illum Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta) li hadet post il-Commercial Partnerships Ordinance 1962, id-dispozizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralc kienu integrati fl-Att tal-1995.*

*"Kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta:- "Fil-ligi taghna, li kumpanija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghandu sinfikat preciz u definit mil-ligi stess fis-subinciz (5) tal-Art.214. Fil-ligi Ingliza, il-pozizzjoni hija aktar wiesgha. Il-koncett ta` insolvenza fil-ligi taghna huwa aktar ristrett minn dak tal-ligi Ingliza ghalkemm hemm overlaps." (**"Fimbank p.l.c. v. Almeco Ltd."** dec. fit-18 ta' Frar 2013).*

*"Ikun utili li ssir riferenza in extenso ghal din is-sentenza peress li l-principji applikabbli huma l-istess ghall-kaz in ezami. Difatti, giet citata gurisprudenza tal-Qrati Inglizi senjatament fejn jinghad: "Failure to pay a debt which is due and not disputed amounts to evidence of cash flow insolvency. Thus a company which has a policy of late payment of bills could find itself the subject of a petition for a winding-up order or administration order. Such a petition will not be struck out at an early stage as a form of improper pressure and an abuse of the process of the court, because, as Staughton LJ explained in **Taylor`s Industrial Flooring** (1990. BBC 44 at 51) creditors, not late payers, are more worthy of insolvency law`s protection."*[6]

*"Dan hu accertament ta' fatt. Dwar il-grad ta' prova rikjesta mill-Qrati Inglizi intqal hekk: "in more recent times they have become more liberal as far as creditors are concerned and have held that a debtor is insolvent if a creditor is able to prove that he or she has not paid an undisputed debt after a demand has been made... and this is the case even if there is other evidence which suggests that the value of the assets outweighs liabilities ...Whether a company is cash flow insolvent is principally a question of fact and one which may be established in any number of ways, such as the existence of a large number of outstanding debts and unsatisfied judgments ... or there is lack of assets on which execution can be levied ... It has been said that a debtor is not regarded as solvent just because if sufficient time were granted the debts could be paid off ...*[7]

*"Madanakollu l-Qrati Inglizi huma konkordi li t-talba m'ghandhiex tirnexxi jekk hemm 'bona fide' dispute dwar il-kreditu pretiz: "The position is different if there is a' bona fide' dispute about a debt. A petition based on a disputed debt will usually be dismissed because the procedure is ill equipped to resolve factual matters. However it will not be dismissed where the petitioning creditor has a good arguable case and the dismissal would deprive the petitioner of a remedy, injustice would otherwise result, or there is some other sufficient reason for the petitioner to proceed."*

[6] ***Boyle & Birds` Company Law*** (op. cit.)
[7] "***Insolvency Law – Corporate and Personal*** "ta` Andrew Keay u Peter Walton (pubblikat minn Pearson Longman – 2003) pg.17 citat fil-kaz ***Fimbank p.l.c. v. Almeco Ltd."*** fuq citat.

*“Fil-kaz in ezami l-Qorti tinnota li ma gewx esebiti balance sheets, jew company accounts. F'cirkostanzi differenti, din it-talba m'ghandhiex tirnexxi. Madanakollu, din il-Qorti tqis li din il-karenza mhix ta' portata bizzejjed biex ixxejjen it-talbiet tar-rikorrenti fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz senjatament l-ammissjoni tal-kumpanija konvenuta tal-qaghda finanzjarja prekarja taghha, il-waqqfien min-negozju, r-rifjut ta' hlas minkejja diversi interpellanzi u l-assenza ta' kontestazzjoni bona fide jew serja.*

*“Difatti jirrizulta ammess mill-istess kumpanija konvenuta li "ghandha problemi finanzjarji u waqqfet topera" (risposta taghha a fol. 35.)*

*“Ikkonsidrat li dak miktub f'ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta huwa sinifikattiv (**DOK JSA** a fol. 41) u cioe' "due to the financial situation of the company, it is not possible to settle <u>all</u> the amount immediately. As we already mutually agreed with the representatives of Marina Milling Complex, the balance due will be paid over a few months by means of a repayment schedule which will be forwarded as soon as it is available. We have explained that the compay is presently facing financial difficulty and out of the two options of going into liquidation or working out a srategy to put the company back on track, the directors have chosen the latter...."*

*“Izda minkejja interpellanzi ripetuti ghall-hlas mis-socjeta' attrici (ara fol.13-16) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u, inoltre lanqas irnexxielha tipproponi schedule of payments.*

*“F'din l-ittra ma hemm imsemmi l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub, jew dwar kontestazzjoni fuq kontijiet tad-dawl u ilma, jew fuq l-electronic gate. Ghall-kuntrarju, il-kumpanija konvenuta tammetti d-dejn u tillimita ruhha biex titlob dilazzjoni tal-hlas.*

*“Fid-dawl tal-kontenut ta' din l-ittra marbuta mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma tistax tqis li l-kontestazzjoni imqajma mis-socjeta` konvenuta hija wahda bona fide. Ghall-kuntrarju, hi tal-fehma li dawn il-lanjanzi gew sollevati biss bhala skuza u kjarament bi ksur ghall-weghdiet ta' hlas li hi stess ghamlet fl-ittra imsemmija.*

*“Fir-rigward ta' allegat kontro-talba ghad-danni, apparti li mhuwiex guridikament ammissibbli li tali talba ssir b'mod rikonvenzjonali f'dawn il-proceduri, tosserva li s-socjeta' konvenuta baqghet ma ressqet l-ebda procedura gudizzjarja kontra s-socjeta` attrici in sostenn tal-pretensjonijiet taghha. Dwar l-electronic gate, s-socjeta' konvenuta inghatat swipe cards ghall-uzu taghha. Hu minnu li Roberta Cassar Aveta xehdet li ddecidew li jitterminaw il-kirja minhabba l-gate elettroniku li holoq problemi ta' access ghall-mahzen. Izda dan hu kontradett mill-istess ittra fuq ikkwotata miktuba minn Euro Imports Ltd li tghid li itterminat il-kirja minhabba l-problemi finanzjarji li kienet qed tirrinfaccja. Kif gja gie kkonsidrat, f'dik l-ittra ma hemm l-ebda riferenza*

*la ghall-electronic gate u lanqas ghal xi kontestazzjoni ta' kontijiet tad-dawl u ilma, minkejja li nghatat bi twegiba ghall-ittra precedenti fejn dawn l-ispejjez, flimkien mal-arretrati tal-kera, huma mitluba (invoice 13166 a fol 12 anness mal-ittra a fol. 13).*

*"Korrispondenza ohra esebita mis-socjeta' konvenuta (**DOK JCA u JCB**) tikkonferma din il-fehma. F'**DOK JCA (fol.59)** Guido Bonnett ghas-socjeta` attrici kiteb lill-inkwilini tal-kumpless tal-mhazen biex jistedinhom ghal-laqgha biex jiddiskutu l-main gate. Dan jikkontradixxi l-allegazzjoni tal-kumpanija intimata li kollox sar minghajr konsultazzjoni. F'**DOK JCB** (Fol.60) Joseph Cassar Aveta flimkien ma' inkwilin iehor kitbu lis-socjeta' attrici mil-liema ittra jirrizulta is-segwenti kliem "During a meeting held at your office at the beginning of the year, we were promised parking bays and an electronic gate." Jirrizulta car ghalhekk li l-installazzjoni ta' gate elettroniku kien mahsub mill-bidu nett u anke ssollecitat mis-socjeta' intimat.*

*"Ikkonsidrat li proceduri ta' stralc huma mmirati li jaghtu protezzjoni lill-kredituri meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' debitur hija prekarja. Fil-kaz in ezami, dan jirrizulta inekwivokalment minn ammissjoni tal-istess socjeta' konvenuta skont l-ittra **JSA** u mic-cirkostanzi surriferiti**.** Hi talbet iz-zmien biex thallas u weghdet li l-awdituri tal-kumpanija kienu qed jigbru r-rizorsi tal-kumpanija "and trying (enfasi tal-Qorti) to work out a repayment schedule...as due to the delicate situation no preference can be given to any creditor whatsoever." Madanakollu l-ebda pagament, imqarr tal-ammont mhux ikkontestat, imqarr in parti bhala akkont, ma thallas lis-socjeta' kreditrici li wriet li kienet disposta li tistenna u taghti z-zmien mehtieg.*

*"Ikkonsidrat li l-fatt li s-socjeta' konvenuta waqfet topera n-negozju taghha, injorat l-interpellanzi ghall-hlas, u injorat li tindirizzahom anke b'repayment schedule li weghdet hi stess li taghmel, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li jezistu c-cirkostanzi tali li s-socjeta` konvenuta ma setghetx thallas id-dejn taghha.*

*"Kif intqal fil-kaz Re Gold Mines (1883) 23. Ch.D. 210 "The fact that the petitioner has made repeated application for payment, and that the company has neglected to pay affords cogent evidence that it is unable to pay its debts, and this evidence is generally relied on."[8]*

*"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti."*;

3. L-appellanti ħassitha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni u b'rikors imressaq minnha fil-5 ta' Frar, 2014, u għar-raġunijiet hemm imfissra,

[8] Palmer's Company Law (21st ed) (Schmitthoff and Thompson) pp 738.

talbet li din il-Qorti tvarjaha u timmodifikaha billi tikkonferma li huwa l-każ li ma jingħatax provvediment dwar l-ewwel talba rikorrenti, u tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha tal-kumpannija rikorrenti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrenti;

4. B'Risposta mressqa minnha fis-27 ta' Frar, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, is-soċjetà intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") warrbet l-aggravji tal-appellanti u qalet li d-deċiżjoni appellata jmissha tkun konfermata għaliex hija tajba fil-fatt u fid-dritt. L-appellata qajmet il-kwestjoni tan-nullità u l-irritwalità tal-appell billi (a) ladarba l-appellanti kien ilha mingħajr direttur sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, ma setgħetx tressaq l-appell mid-deċiżjoni appellata, imma, jekk stess, kellu jkun l-istralċjarju waħdu li seta' jagħmel dan bħala rappreżentant tal-istess appellanti; u (b) minħabba li l-liġi ma tagħtix jedd ta' appell minn ordni ta' stralċ magħmul għall-finijiet tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu dwar l-aggravji, l-appellata tgħid li l-eżami li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li tara jekk id-dejn kienx *bona fide* kontestat u li l-kontestazzjoni kienet waħda ta' sustanza, liema eżami fil-fatt sar sewwa mill-ewwel Qorti. Tgħid ukoll li, għall-finijiet tal-proċedura ta' stralċ, il-kwestjoni dwar jekk id-dejn kienx waqa' bil-preskrizzjoni ma tidħol xejn, l-aktar meta l-preskrizzjoni ma kienet tqajmet formalment fl-ebda stadju tas-smigħ tal-kawża;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-8 ta' Jannar, 2019;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan huwa appell minn Ordni ta' Stralċ ta' kumpannija li ngħata mill-ewwel Qorti fuq il-kawżali li l-istess kumpannija – l-appellanti – ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha. L-ewwel Qorti sabet li t-talba għall-Ordni ta' Stralċ li saritilha mill-appellata fuq dik il-kawżali kienet mistħoqqa u laqgħetha billi fid-deċiżjoni appellata ħarġet l-imsemmi Ordni u dan b'seħħ b'lura minn dakinhar li nfetħet din il-kawża. L-appell li din il-Qorti għandha quddiemha tressaq minn dak il-provvediment;

9. Illi, qabel ma jsir l-istħarriġ tal-aggravji tal-appellanti dwar id-deċiżjoni appellata, il-Qorti trid tqis il-**preġudizzjali tas-siwi tal-appell** imqajma mill-appellata fit-Tweġiba tagħha, għaliex hija kwestjoni li tolqot il-qalba tal-appell innifsu u li, jekk din il-Qorti ssib li hija mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn tgħaddi biex tqis l-aggravji fil-mertu tal-appellanti.

Il-kwestjoni tas-siwi ta' appell hija ħaġa ta' ordni pubbliku u l-Qorti trid tqisha qabel kull ħaġa oħra, kemm jekk din titqajjem minn xi waħda mill-partijiet u kif ukoll jekk mill-Qorti minn rajha[9], billi l-ebda qorti ma tista' tassumi setgħa li m'għandhiex;

10. Illi l-appellata tqajjem żewġ kunsiderazzjonijiet dwar is-siwi tal-appell tallum: (i) l-ewwel waħda hija li l-appellanti ma setgħetx tappella ladarba ilha bla diretturi sa minn qabel ma nbdiet il-kawża, u li l-persuna waħdanija li setgħet tidher għaliha kien l-istralċjarju; u (ii) li l-liġi ma tagħtix jedd ta' appell minn Ordni ta' Stralċ taħt l-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti se tibda billi tqis it-tieni minn dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet;

11. Illi f'dan ir-rigward, l-appellata tgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex sentenza iżda hija biss ordni li dwaru l-liġi la tagħti espressament jedd ta' appell u lanqas tapplika għalih id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk, għall-kuntrarju ta' fejn il-liġi (Kap 386) riedet tagħti jedd ta' appell għalk xi ordni mogħti minn qorti, dan tgħidu espressament;

12. Illi l-appellanti ma ressqet l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward;

---

[9] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi General Transport Ltd vs George Mifsud et***

13. Illi l-Qorti tqis li l-proċedura mnedija quddiem l-ewwel Qorti mill-appellata hija waħda speċifika li dwarha tipprovdi biss il-liġi speċjali tal-kumpanniji. Huwa aċċettat ukoll li l-imsemmija proċedura hija waħda maħsuba għall-ħarsien kemm tal-kumpannija nnifisha u kif ukoll tal-kredituri tagħha fiċ-ċirkostanzi li jaħseb għalihom l-artikolu 214 li taħtha nbdiet din il-proċedura u biex tagħti mekkaniżmu ta' aċċertament tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li tkun. B'żieda ma' dan, jingħad li l-proċedura ta' xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta' kumpannija fil-liġi ta' Malta ttieħdet minn dik maħsuba fl-*Insolvency Act 1986* tar-Renju Unit, imma l-leġislatur għażel liema dispożizzjonijiet minn dik il-liġi ried li jkunu jagħmlu parti mil-liġi f'Malta;

14. Illi fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni li tingħata minn qorti fi proċedura mnedija taħt l-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta hija provvediment ordinatorju li jixbah lil degriet u mhux sentenza[10]. Tqis ukoll, kif tajjeb tgħid l-appellata, li dwar il-proċedura maħsuba fl-artikolu msemmi, il-liġi ma tgħid xejn dwar appelli minn Ordni ta' Stralċ; filwaqt li, f'dispożizzjonijiet oħrajn marbuta mal-proċess tal-likwidazzjoni ta' kumpanniji, fejn riedet li jkun hemm jedd ta' appell qalitu u tatu speċifikatament[11]. Il-proċedura nnifisha li hija maħsuba biex jitnieda l-proċess għall-għoti ta' Ordni ta' Stralċ huwa

[10] Ara App. Inf. PS **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Francis Portanier noe et vs George Micallef***
[11] Ara art. 253 tal-Kap 386 (dwar l-effett ta' ordni ta' qorti fuq kontributorju)

differenti mill-proċedura ordinarja maħsuba mil-liġi proċedurali għal proċediment ordinarju kontenzjuż[12]. Fuq kollox, il-provvediment li bih qorti toħroġ Ordni ta' Stralċ ma jtemmx il-proċess quddiem dik il-qorti, liema ċirkostanza hija meqjusa bħala element ewlieni biex wieħed jagħraf bejn sentenza u provvediment. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet[13]. Kif ingħad b'awtorità[14] wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha (fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*). Minn qari tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata, b'mod partikolari f'dik il-parti fejn intlaqgħet it-tieni talba tal-appellata, jidher ċar li l-ewwel Qorti tat direttivi li dwarhom hija kienet qiegħda tistenna t-twettiq għall-eventwali verifika tagħha, qabel ma jingħata l-ordni aħħari skond l-artikolu 264 tal-Kapitolu 386;

15. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-preġudizzjali mqajma mill-appellata dwar is-siwi tal-appell imressaq

---

[12] Art. 154(1) tal-Kap 12

[13] Ara Prof. Caruana <u>*Notes on Civil Procedure*</u> paġ. 1419; Mattirolo <u>*Diritto Giudiziario*</u>, Vol. IV, pp16-7; u Mortara <u>*Digesto Italiano*</u> Vol XXI (*voce " Sentenza Civile"*), paġġ. 450 ff.

[14] App. Ċiv. **29.4.1925** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Borġ Olivier*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.115**)

mill-appellanti hija tajba. Jidher għalhekk li, min-natura tal-provvediment[15] li jingħata minn qorti għall-finijiet tal-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rimedju li jista' disponibbli għal min jixtieq jikkontestah mhuwiex dak ta' appell quddiem din il-Qorti, imma rimedju proċedurali ieħor. Għalkemm f'dak li jirrigwarda dritt proċedurali, it-tixbih b'analoġija jrid isir b'mod kontrollat, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellata li f'dan ir-rigward jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fejn jidħol is-siwi ta' appell minn ordnijiet oħrajn magħmula minn qorti taħt l-Att dwar il-Kumpanniji. Dan jingħad fir-rigward ta' Ordni magħmul minn qorti taħt l-artikolu 402 tal-istess Att u jekk jistax jitressaq appell minnu. F'dak il-każ, din il-Qorti tat il-fehma meqjusa u raġunata tagħha li jedd ta' appell minn ordni bħal dak ma jeżistix[16];

16. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra' tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellata dwar in-nuqqas ta' siwi tal-appell imressaq mill-appellanti minħabba l-irritwalità tiegħu;

17. Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma tarax li għandha għalfejn tqis ukoll it-tieni preġudizzjali tan-nullità mqajma mill-appellata, għax jekk proċedura ma tiswiex, ma huwiex aktar rilevanti min ikun bdiha.

---

[15] Ara b'eżempju App. Ċiv. **8.5.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Josef Gatt vs Marisa Gatt***
[16] Ara App. Ċiv. **27.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jonathan Shaw et noe et vs David Alan Shaw et*** ; u App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd. et***

Wisq anqas, għalhekk, ma għandha għalfejn din il-Qorti tidħol fil-qofol tal-aggravji tal-appellanti fil-mertu;

***Decide:***

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** minħabba l-irritwalità tiegħu, bl-**ispejjeż** kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm